**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.d.**

**Appell Nru: 8907/2023**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Gerald Micallef**

**Illum, 24 ta' Lulju 2025**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, **Gerald Micallef** detenur tal-karta tal-identita Maltija **792253M**, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar il- 5 ta' Lulju, 2023 ghall-habta tas-07.15 a.m., gewwa Triq it-Torri, tas-Sliema:

1. Insulenta, hedded jew ingurja bi kliem jew b'mod iehor lil Manuel Borg Art. 339 (1) (e) Kap 9;
2. Minghajr ma dorob jew sawwat, hedded lil Manuel Borg b'gebel jew oggetti iehor iebes jew waddab jew qabad xi arma sabiex ihebb ghalih;
3. Bl-imgieba tieghek, ikkaguna lil Manuel Borg biza' li ser tintuza vjolenza kontra tieghu jew kontra l-proprjeta' tieghu jew kontra l- persuna jew il-proprjeta' taxi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa jew familjari ohra tieghu;

Rat is-sentenza tal-Qorti  tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar it-30 ta' April 2025, fejn nstab hati tal-ewwel u t- tielet akkuza u ġie kkundannati għall-multa ta' elf ewro (€1,000)

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Gerald Fenech preżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar l-14 ta' Mejju 2025, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

- Tirriforma mis-sentenza appellata jew li tilliberah ghal kollox a bazi tal-provi u fatti legali hawn fuq esposti b'riserva ta' kummenti ulterjuri fil-każ li certament turi li l-piena hija eċċessiva.

**Illi l-aggravji huma ċari u manifesti;**

1. B'mod generali għandu jingħad li hemm raġunijiet biżżejjed sabiex dan il-kaz jerga jigi ttrattat biex l-akkuzat jigi liberat jew il-piena tonqos jew tigi varjata

2. Illi t-tieni aggravju huwa dwar il-piena eccessiva illi meta wiehed jara ic-cirkostanzi tal-fatti, I-eta avvanzata tal-akkuzat u I-fedina penali tieghu jara lli dan huwa kaz Ili kien jimmerita multa ferm inqas kunsidrat il-fatt illi f'sebghin sena ta' hjja il-fedina penali tieghu hija netta, u ghalhekk kellu jinghata reprimand & admonition," sentenza sospiza jew addirittura jigi liberat,

3. Illi t-tielet aggravju hu Ili giet kkunsidrata evidenza li ma taqax taht il-'*best evidence rule*' ghar-ragunijiet gja imsemmija fejn il-filmat migjub mic-cctv camera li ngabet ma jindikax hin u data u x-xhud okulari li ngabet mill-prosekuzzjoni thaliet jixhed dwar il-karattru tal- akkuzat minghajr ma twaqqaf febda hin mill-Onorabbli Qorti.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali prezentata fir-registru ta' din l Onorabli Qorti nhar is-7 ta' Lulju, 2025 fejn sostna li s-enenza ta l-ewwel qorti hija gusta u timmerita li tigi konfermata in oltre zied jghid li rarament tinbidel il-piena imposta minn l-ewwel qorti sakemm ma jkunx maniuestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux kontemplata mill-ligi ghar-reat in esami jew tkun xi pien harxa wisq jew sproporzjonata ghal dak li jkun ghamel il-hati jew tkun xi piena mhux fil-parametri tal-ligi. Dwar l-aggravju tal-appellant li din il-Qorti makellhiex tiehu in konsiderazzjoni ix-xhieda ta Silvio Palmier u dan ghaliex dan tkellem dwar il-karattru tal-appellant. L-Avuakt Generali jghid li dan ix-xhud tkellem dwar dak kollu li sehh biex sehh l-akkadut IL-fatt li huwa xehed dwar grajjiet ohra illi waslu ghall-akkuzi tal-5 ta' Lulju 2023 jitfghu sfond iktar car dwar it-theddid u insulti u jixhtu dawl fuq kemm kienet reali l-biza' tal-vjolenza. Dwar il-kwistjoni tal-filmat dwar it-thehid tac CCTV jinghad li dan il-filmat *in primis* gie esebit mill-*parte civile* innifsu li kkonferma l-kontenut tiehgu u kien elevah hu fil-kariga tieghu ta' segretarju tal-ghaqda u xehed li dak kollu li jidher fil-filmat sehh nhar il-5 ta' Lulju, 2023.

Semghet lill-partijiet jittrattaw l-mertu tar-rikors tal-appell u dan fis-seduta tal-11 ta' Lulju, 2025.

**Ikkunsidrat**,

Illi fl-ewwel lok l-appellant jistqarr li l-ewwel Qorti m'għamlitx apprezzament tajjeb tal-provi u dan għaliex ħadet in konsiderazzjoni CCTV prezentat mill-kwerelant li ma kienx datat u ħadet in konsiderazzjoni rapporti li saru mill-kwerelanti li ma kienux relatati mar-rapport li wassal ghal dawn il-proċeduri.

Illi dan l-appell hu impernjat fuq l-apprezzament tal-fatti li sar mill-ewwel Qorti. Issa, kif dejjem gie ritenut minn din il-Qorti, il-Qorti tal-Appell ma tissostitwix id-diskrezzjoni w l-gudizzju taghha ghal dak tal-Ewwel Qorti meta si tratta t' apprezzament tal-fatti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk il-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha l-Ewwel Qorti fuq il-fatti li jkunu

rrizultawlha setgħetx tasal għaliha fuq bażi ta' liġi w ta' raġjonevolezza. Fi kliem ieħor tara jekk dik il-konkluzzjoni kienetx waħda "safe and satisfactory" fid-dawl tarrizultanzi. (Ara. App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et**" [12.5.94]; "**Il Pulizija vs. Emmanuel Mifsud**" [11.7.94]; "**Il-Pulizija vs. Joseph Zahra**" [10.5.2002] u ohrajn.)

Kif ukoll l-istess Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Antoine Agius** moghtija nhar it-tnax (12) ta' Mejju tas-sena elfejn u hmistax (2015) rriteniet: '

> *Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tibbdilx id diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk din il-Qorti tasal ghall konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.'*

B'zieda ma dak li gja gie imfisser supra fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel Zammit**[1] deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) intqal li:-

---

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003**; Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone,** 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et,** 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit,** 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa** ġie mistqarr li :

Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi

*kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.*

Illi ghalhekk sabeix tara jekk in effetiti l-ewwel Qorti haditx zbal fil-gudizzju taghha jispetta lil din l-Onorabbli Qorti tifli l-process u tesamina bir-reqqa il-provi prodotti u dan bil-ghan sabiex tara jekk l-ewwel qorti kienitx ragonevoli fil-gudizzju milhugh minnha.

**PC 897 D Gauci** jghid fl-affidavit tieghu esebita f'dawn l-atti a fol. 2 li nhar il-5 ta' Lulju 2023 ghasl habta ta 09.47 irrikorra certu Manoel Borg sabeix jghamel rapport mal-pulizija. Is-sur Borg stqarr li dakinhar ghal habta ta 07.15 kien qiegehd ma genb il-kamra tal Ghaqda Sajjieda Dilettanti fejn f'hin minnhom x'hin telaq sabiex jirkeb ghal gol vann tieghu avvicinah persuna certu Gerald Micallef kjen dan ta l-ahhar likellu katina f'idu u qallu ' *intik xeba katina'* u *'inkissirlek il-vann'* ghax skond hu mignun.

---

kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il- verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u r-**Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed** deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, **ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino** deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u **r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt** deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

Skond il-kwerelant fuq il-post kein hemm xhieda ohra li raw u semghu dan l-incident ghax tnejn minnhom kienu fuq il-kienu fil-parapett ul-iehor ma genb is-sur Borg Mnanuel qal li l-imptat imqabbad meighu u li kemm il-darba kellu argumenti ma pesuni ohra u ma tal-ghalqa stess.

Nhar il-5 ta lUlju 2023 ghal habta ta 16.15 p.m irrikorra l-ghassa certu Silvio Palmier u an stqar li ghal habta tas-7.15 kien qiegehd fuq il-post. Semgha lil Manuel jghid lil Gerald ' Halilni ghax m'ghandix aptitek'. Wara dan l-imputat avvicina lill kwerelant quddiem il-karozza tieghu b'katina f'idu u qallu li hu mignun u li ha jkissirlu l-vann. Imbagahd telqu minn fuqil-post.

Fl-10 ta Lulju 2023 ghal habta ts-18.00p.m irrikorra gewwa l-ghassa tal-pulizija ta' tas-Sliema l-appellant biex jaghti il-verjsoni tieghu. Huwa inghat id drittijeti tieghu inkluz dalli jibqa sieket u kkonferm ali nhar il-5 ta lulju 2023 u kien qiegehd fuq il-post u verament kellu katina f'idejh beix itiha lil Silvio biex izidha mal-baga. Qal li s sur Palmier qallu kliem *'aqbad xkupa u dahhalielu f'sormu'* fejn kein qed jirreferi ghal Manoel. Huwa wiegebu ' u jien minn halqu ukoll'. Dak il-hin Manoel dar lejn il-vann u offendih bil-kliem *'Foxx kemm ghandek'*. Huwa qal lil kwerelantli ser jghamillu dahna bil katina fil-vann. Imbaghad l-kwerelant telaq 'l hemm u anke hu.

Rat l-okkorenza esebita a fol. 5 mehuda minn PS 897 David Gauci fejnhemm l-istess versjoni moghtija minnu fl-affidavit tieghu.

L-kwerelant Manoel Borg xehed viva voce nhar it-30 ta April 2025. Spjega li nhar il-5 ta Lulju 2025 ghal habta tas 7.30 nizel tas Sliema ejnghandu kamra tad-dghajjes u din tinsab that il-gabbana ta Tower road . Kien qed jistenna li jasal habib tieghu certu sergio sabeix iwaslu ghand habib tieghu l Marsa. Qal li dakinahr kien ha xi haga u ghamlitlu l hsarat u ried imur 'l hemm u qal hekk lill-imputat Huwa hu sejjer 'l hemm rah b'katina gej ghalih. Qallu li kien ser jghatih xeba katina u iksissirlu l-vann. Mistoqsi ghaleix qallu hekk jghid li ma jafx ghax hu mignun. Qal li kien hemm xi kwistjoni ghaliex l-appellant ried jidhol membru f'kumitat u meta talbu ghal xi karti qal li hadd ma riedu membru Dak iz-zmien kien segretarju tal kumitat u m accettax

li din id decisjoni tittiehed biss mill-kumtiat u ghalhekk talabghal laqgha generali. Ghal liem alaqgha kienhemm prezenti 47 membru. . Qal li kien mizdud u qallu ukoll li kien ser idahhalu zokk beix jithu. Dak il hin kellu katina f'idu. Qal li dan l-incident gie filmjat ghax kienu fil-kamra u kien hu li gabar ic CCTV mill-kamra tal-ghaqda. Jghid li l-filmat hadu dakinahr stess. Imbaghad spiccaw il-Qorti fejn gie avzat li m'ghandux ihares lejn l-appellant .

Gie muri l-video quddiem l-ewwel qorti u gie stabilit lil-van Citroen li jidher fil-filmat huwa ta tal-appellant. Il-persuna mixja l boghod mill-van kienet il-persuna tieghu Hemm persuna ohra b'xaghrha bajda riesqa lejn il-van bl isem ta Silvio Palmier . Il-persuna ta zaqqu barra huw al-appelalnt li kellu katina f'idu u meta deher qed jitkellem meighu qallu li kien ser ikissilu l-vann u jghati xeba lilu u hwua ma wegbix halliha tghaddi

Jghid li kien ilu bit tilqim meighu u huwa jilghabha tal bully met ahuwa ma hux persuna tal-glied. . Qal I kein anke xtara zewg dghajjes mignhandu.

**Silvio Palmier** xehed nhar it-30 ta Paril 2025 u qal li nahr il-5 ta Lulju 2023 kien qiegehd til-parpaett tal-akmra ta fejn tiltaa l-ghaqda tas-sajjienda tas-Sliema ghal habt atas-7.00a.m u kien qed jiehu l-café u mar is-sru Borg (il-kwerelanti) ghalih beix iwaslu post iehor. F'daqqa u l-hinjizel l-appellant ipparkja nizel mill-karozza makellem lil hadd lanqas Bongu ma qal. Baqa' ghaddej minn quddiemu u minn quddiem l-kwerelant fetah locker fejn ghandu katina u dawwarha ma idejh ghadda minn quddiemu u f'daqqa wahda beda ghaddej jidghi bi-madonna u jghajjat u jidghi. Qallu li kien ser jghatih xeba katina lilu u lil -van ghax kien segretarju. Jghid li l-kwerelantipprova jidhol membru u ma dahalx . Il-kwerelant dar fuqu u qallu ejja ha inwaslek Qal li hassu huta barra mill ilma ghax ma ipprtendiex li kien ser imur jigbor katina u jmur biex ighati lill-kwerelant . Qal li jaf lill-appelalnt bhala mignun ghax lanqas tista tkelmu Ghandu skiken fil-akrozza ghax jinzel ghal grancijiet u qarnit.. Meta ra il-filmat ikkonferma li kien hemm l-appellant bil katina f idu miexi lejn l-appellant

Illi għalhekk mill-provi ma hemmx dubju li inqala incident bejn il-kwerelant u l-appellant kif mistqarr mill-kwerelant u kkorroborat mix-xhud Silvo Parnis. Ma hemmx dubbju li l-appellant kellu katina mdawra f'idu u li resaq lejn l-kwerelant, waqaf qallu xi kliem li l-kwerelant jghid li qallu li kien ser ightih bil-katina kemm lilu kif ukoll lil van tieghu. Issa sta ghal qorti tara temminx din ix-xhieda li ma gietx kontradetta mill-appellant u dan ghaliex ghogbu li ma jressaq l-ebda prova in difesa tieghu kif del resto ghandu kull dritt izda joqghod fuq ix-xhieda imressqa mill-prosekuzzjoni u l-filmat esebit minnha. Fl-ebda hin ma gie registrat in atti li kien qed joggezzjoni ghal esebizzjoni tal-filmat, kien biss fi stadju ta' appell li ghamel aggravju dwar dan il-punt.

Fl-ewwel aggravju l-appellant jghid li l-ewwel qorti messet ma qaditx fuq il-filmat ghax kien bla data u hin. Bir-rispett kollu din il-Qorti ma taqbilx ghaliex dan il-filmat gie mehud mill-kwerelant dakinar tal-incident u gie downloaded minnu u esebit minnu. Kien hu sess li kkonferma l-kontenut tieghu u stqarr li l-jum tal-akkadut kien 23 ta' Lulju 2023. In vista ta' tali prova tali dokument ghandu jkun dikajrat bhala prova ammissibli. Ma hemmx dubbju ghalhekk li verament l-appellant hedded lil kwerelant u li heddu b'oggett iebes li kien ser ihebb ghalih u ghal proprjeta tieghu.

L-ewweel qorti sabet lill-appellant hati tal-ewwel zewg akkuzi li huma it-tnejn kontravenzjonali u lliberatu mir-reat kif kontemplat fit-tielet akkuza.

Dwar il-piena din il-Qorti jinghad li '*...il-prinċipju regolatur huwa li din il-Qorti (f'dan il-Każ Qorti tal-Appell Superjuri) mhux normali li tiddisturba ddiskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fl-għoti tal-piena sakemm din ma tkunx toħroġ barra mil limit stipulati fil liġi uma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dikl i tkun fil fatt ingħatat.*' (**Repubblika versus Owen Bonnici**[2]). Hawn din Qorti tal-Appell Kriminali tirreferi għal sentenzi oħrajn: '**Il-Pulizija versus Carmelo Ebejer**[3]; **Il-Pulizija versus Nikola Farrugia**[4]; **Il-Pulizija**

[2] tad-19 ta'Mejju2011 mill Qorti tal Appelli sede Inferjuri
[3] 4 ta Novembru 2009 mill Qorti tal Appelli sede Inferjuri
[4] 2 ta Ottubru 2002 mill Qorti tal Appelli sede Inferjuri

**versus Maurizio Massimiliano**[5]; **Repubblika versus David Vella**[6]; **Ir-Repubblika ta' Malta versus Eleno sive Lino Bezzina** [7].

Fl-appell kriminali deciz fis-26 ta' Marzu, 2009 minn din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spt. T. Micallef) vs John Gauci**, inghad li "*mhux normali li din il-Qorti tal-Appell li tvarja d-diskrezjoni tal-Ewwel Qorti jekk il-piena erogata tkun tirrientra fil-parametri tal-ligi w ma tkunx manifestament eccessiva*. Dan ghax, kif gie ritenut fl-Appell Kriminali (Superjuri): "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carmen Butler**" [8]:- "Il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-Ewwel Qorti, sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-Ewwel Qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anki, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza tal-Ewwel Qorti) li jkun jincidi b' mod partikolari fuq il-piena). (Ara wkoll "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Bernard sive Benny Attard**"[9] "

Illi fil-kaz in desamina l-appellant instab hati ta' zewg kontravenzjonijiet kif disposti fl-artikolu 339 (1) (d) u 339 (1) (e) u ghalhekk il-piena applikabbli kienet dik ta' kontravenzjoni.

Il-piena applikabbli ghal kontravenzjoni hija dik kontempalta fl-artikolu 7 (2) tal-Kodici Kriminali li jipprovdi s-segwenti.

> *(2) Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 53 jew ta' xi liġi speċjali oħra, il-pieni li jistgħu jiġu mogħtija għall kontravvenzjonijiet huma:*
>
> *(a) id-detenzjoni;*
> *(b) l-ammenda;*
> *(ċ) iċ-ċanfira jew it-twiddiba.*

---

[5] 13 ta Novembru 2003 mill Qorti tal Appelli sede Inferjuri

[6] 14 ta Gunju 1999 mill Qorti tal Appelli sede Inferjuri

[7] 24 t'April, 2003 mill Qorti tal Appelli sede Inferjuri

[8] DEciza 26 ta Frar 2009 App. Krim. Superjuri

[9] Deciza nahr l-20 ta Marzu 2009 App. Krim. Superjuri

L-artikolu 13 (1) tal-Kodici Kriminali jipprovdi li:-

> *"Fejn il-liġi ma tgħidx espressament xort'oħra, il-maximum tal-ammenda huwa tmienja u ħamsin euro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€58.23) u l-minimum sitt euro u disgħa u disgħin ċenteżmu (€6.99)."*

Issa l-artikolu 341 tal-Kap 9 tal-Kodici Kriminali Jipprovdi li:-

> *"Meta l-każ jaqa' taħt il-pieni stabbiliti għall kontravvenzjonijiet, il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tagħti dawn il-pieni, sew separatament kemm imgħaqqdin flimkien.*

Ghalhekk il-ligi ma tipprovdix li tista' tinghata multa bhala piena.

Konsegwentement din il-Qorti sejra tikkonferma il-htija misjuba mill-ewwel Qorti fir-rigward tal-ewwel zewg akkuzi pero sejra tvarja l-piena nflitta mill-ewwel Qorti b'dan illi minflok l-elf euro multa li gie kkundannat ihallas ser tikkundannah ihallas ammenda ta' mitt euro (€100) u tikkonfermaha fir-rigward tat-tielet akkuza fejn ma sabitux hati taghha.

Dwar l-Ordni tat-Trazzin mahruga ai termini tal-artikolu 382A u 412C tal-Kapitolu 9 jinghad, il-Qorti rat li fic-cirkostanzi essendo li nstab hati ta' kontravenzjonijiet u mhux ta' reati l-perijodu moghti mill-ewwel Qorti ta' tlett snin huwa eccessiv u tirriduci iz-zmien ghal tmintax-il xahar mill illum skond l-Ordni annessa.

| | |
|---|---|
| Dr Consuelo Scerri Herrera | Maria Grech |
| Onor Imhallef | Deputat Registratur |